MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 145/2004/1

**Adolf Mangion**

**vs**

**Maria Farrugia illum mizzewga Thewma**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta' Lulju, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat il-11 ta' Marzu tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet unikament responsabli ghat-thassir ta' l-eghrusija

bejn il-kontendenti, tghid ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallsu dik is-somma li tigi likwidata minn din l-onorabbli qorti, rapprezentanti sehem l-attur minn depoziti u oggetti mobbli ohra mizmuma in komun, flimkien ma' danni sofferti mill-attur konsegwenti l-istess thassir ta' l-eghrusija;

2. Illi ghall-finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat li l-ammont pretiz ma jeccedix is-somma ta' hamest elef Lira Maltin, (Lm5,000.00,0);

3. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-3 ta' Marzu tas-sena 2003 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata t-30 ta' Marzu tas-sena 2004 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi, l-eghrusija thassret tort unikament tal-attur;

2. Illi ghalhekk qed jigu kontestati kwalsiasi talba ghad-danni, mobbli u depoziti;

3. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur u l-konvenuta ghamlu perjodu pjuttost twil johorgu flimkien u kienu ilhom jaghmlu hekk minn mindu kellhom hmistax (15) – il sena;

2. Illi peress li t-tnejn li huma kienu jirrisjedu fl-istess lokalita' kienu jiltaqghu kwazi kuljum;

3. Illi wara madwar sena li kienu ilhom johorgu flimkien iddecidew li jizzewgu;

4. Illi bil-ghan li jkunu jistghu jikkoronaw ix-xewqa taghha iddecidew ukoll li jgemmghu il-flus li kienu jiddepozitaw f'"fixed account" f'Bank lokali f'isem il-konvenuta;

5. Illi kienu waslu wkoll biex jiffissaw id-data ta-zwieg wara l-eghrusija;

6. Illi wara c-cerimonja ta' l-eghrusija jirrizulta li l-affarijiet bejn il-partijiet f'din il-kawza ma baqghux l-istess;

7. Illi eventwalment din il-koppja spiccat f'din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-akkont fuq indikat il-konvenuta ssostni bl-aktar mod kategoriku li d-depoziti li kienu jitpoggew go fih kienu kollha ta' flus appartenenti lilha;

Illi l-istess konvenuta ssostni wkoll li xi ammonti ta' flus li kien ghad fadal wara li thallset ic-cerimonja ta' l-eghrusija inqassmu b'mod ugwali bejn il-partijiet, (ara fol 19);

Illi effettivament l-attur jikkontradixxi dan u jsostni u ghandu jiehu aktar;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hi naxxenti mill-allegazzjoni ta' l-attur kif kontenuta fl-avviz promotur illi l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghat-thassir ta' l-eghrusija taghhom;

Illi ovvjament affermazzjoni bhal din jehtieg li tigi ppruvata - haga li fil-fehma ta' din il-qorti l-attur ma rnexxilux jaghmel;

Illi konsegwentement, la din il-premessa ma gietx debitament pruvata, allura l-konsegwenzjali minnha naxxenti ma jistghux javveraw ruhhom;

Illi di piu, jirrizulta mill-atti kif prodotti li l-partijiet itterminaw l-eghrusija b'mod reciproku;

Ghaldaqstant din il-qorti waqt li qed takkolji l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta tirrespingi l-premessa attrici flimkien mat-talbiet konsegwenzjali ghaliha, bl-ispejjez."

L-attur hassu aggravat b' din id-decizjoni u ghalhekk appella minnha biex jitlob ir-revoka taghha. Essenzjalment, l-aggravji minnu sottomessi huma fis-sens illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi. Huwa jikkampa dan fuq l-kontenzjoni illi meta giet biex tiddeciedi, lill-ewwel Qorti sfuggielha l-Affidavit tieghu kif ukoll provi ohra determinanti, u b' hekk d-decizjoni inghatat fl-assenza tal-konsiderazzjonijiet taghhom;

Fil-fehma ta' din il-Qorti mill-korp tas-sentenza appellata l-ilment ta' l-appellant jidher li hu tabilhaqq fondat. Dan fis-sens illi ma jidherx li s-sentenza appellata tat attenzjoni bizzejjed lill-provi kollha in atti. Manifestament, jidher li l-ewwel Qorti injorat sahansitra anke dak li mill-atti kien ammess u accettat mill-konvenuta. Dan b' referenza ghall-bilanc ta' flejjes li l-istess konvenuta kienet ipproponiet li kellu jinqasam bejn il-kontendenti. Ara deposizzjoni taghha a fol. 24, fejn esebiet ukoll ir-rendikont ta' l-ispejjez tal-gherusija u tal-preparattivi ghaz-zwieg. Mhux dan biss pero`. Jidher ukoll illi l-motivazzjoni ta' l-istess decizjoni kienet wahda generika u spiccattiva minghajr d-dovuta analisi xierqa tal-fatti u tal-principji regolatrici f' materja tax-xorta kontemplata fl-azzjoni;

Huwa opportun qabel xejn illi jigu ri-raffermati certi aspetti tat-tematika kif konfermati mill-gurisprudenza;

Bla dubju l-weghda taz-zwieg tikkostitwixxi veru u proprju kuntratt bilaterali vinkolanti. In kwantu tali, ma jistax jithassar jekk mhux bil-kunsens reciproku tal-partijiet jew ghal ragunijiet validi fil-ligi. (**Kollez. Vol. XLIII P I p 805**). Skond din l-istess sentenza dawn ir-ragunijiet iridu jkunu gravi biex jillegittimaw lil wahda mill-partijiet li thassar l-gherusija. Ara wkoll **Kollez. Vol. XXII P I p 26** u **Vol. XLI P II p 1051**. Jinsab in effetti rimarkat fid-decizjoni riportata a **Vol. XLVIII P I p 517** illi "l-kawza gusta li taghti lok ghar-resiliment tal-gherusija ghandha tigi ravvisata f' ostakolu jew impediment ta' natura gravi, u jrid ikun fondat, u mprevedibbli;

L-azzjoni proposta mill-attur hi wahda naxxenti minn dan ir-resiliment bazata fuq il-promessa li l-kontendenti taw lil xulxin fl-istadju tal-preparazzjoni ghall-kuntrattazzjoni taz-zwieg. Kif spjegat fis-sentenza a **Vol. XXIV P I p 291** l-elementi ta' din l-azzjoni "*sono un atto od un' omissione ingiusto ed un danno sofferto in conseguenza di siffatto atto od omissione*". Li jfisser li azzjoni bhal din hi bazata fuq il-principji generali maghrufa ta' l-obbligazzjonijiet kuntrattwali;

Mhux kontestat li l-kontendenti kienu ilhom midhla ta' xulxin mill-eta` ta' hmistax-il sena. Lanqas ma huwa kontestat li dawn tgharrsu formalment. Hekk ukoll ma tezisti ebda disputa li kienet il-konvenuta li hassret l-gherusija. Il-kuntrast jezisti fir-raguni sottomessa minnhom ghat-thassir inkombenti. Irid ghalhekk jigi ezaminat jekk il-konvenuta wassletx ghar-resiliment ghal raguni gustifikativa, o meno, skond il-ligi, kif ahjar imfisser fid-decizjonijiet surreferiti;

Fix-xhieda taghha l-konvenuta tiddikjara illi r-raguni li nducietha thassar l-gherusija kienet li f' okkazjoni wahda f' Dicembru 2002 l-attur kien siker u meta haditu d-dar u tellaghtu f' kamartu osservat tfajliet mhux lebsin xieraq fil-kamra ta' oht l-attur. Hi weriet lill-attur li ma kienetx hadet gost b' dak li rat u stednitu biex fil-*weekend* ta' wara jorqod fid-dar tal-genituri taghha. Invit dan li ma giex accettat mill-attur. Il-konvenuta tafferma li minhabba dak l-"incident" hi bdiet tinkwieta "illi seta' jsir xi haga spropozitu" (fol. 20). Testwalment tiddikjara illi "minn hemm beda l-inkwiet";

Apparti illi minn imkien mill-atti ma jirrizulta dak li gie affermat mill-ewwel Qorti fis-sens li l-partijiet itterminaw l-gherusija b' mod reciproku, kif taraha din il-Qorti l-motiv dedott mill-konvenuta appellata u li gieghelha thassar l-gherusija la jista' jitqies proporzjonat u wisq anqas gravi. Is-suspett jew preokkupazzjoni ta' l-allegat "spropozitu" ingenerata f' mohha, apparti li minnu nnifsu juri nuqqas ta' fiducja fl-gharus taghha, jista' forsi jitqies prodott ta' xi ghira zejda li seta' kellha ghall-attur. Ghira li spiss hi estraneja ghar-realta u spiss tispicca biex tiddomina l-fantasija. Izda ma jkunx gust li din il-Qorti taccettah bhala xi prova konkludenti ta' xi legittimita` ghad-decizjoni taghha li thassar l-gherusija. Il-kawza gusta ghar-resiliment trid tkun riflessa fir-realta` ta' xi tort verament attribwibbli lill-attur. Fil-verita` minn kif sehhew ic-cirkostanzi li segwew wara dan l-"incident", bil-konvenuta tibda relazzjoni ma' haddiehor ftit gimghat biss wara, liema relazzjoni waslet ghaz-zwieg ma' dan haddiehor, il-Qorti ghandha suspett qawwi li l-"incident" kien biss pretest kapriccjuz u legger biex il-konvenuta tillibera ruhha mill-attur u tibda dik ir-relazzjoni l-ohra. Ir-raguni migjuba ghalhekk ma tistax titqies tali li tezonera lill-konvenuta appellata mir-responsabilita` ghad-danni. B' hekk din il-Qorti qed tiddistakka ruhha ghal kollox mir-ragonament u konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti;

Skond l-Affidavit tieghu l-attur qed jippretendi f' danni nofs l-ammont tad-depozitu f' akkont f' isem il-konvenuta, f'

liema hu kkontribwixxa wkoll in preparazzjoni ghaz-zwieg, l-ispejjez tal-gherusija u dawk relatati mal-preparattivi ghaz-zwieg, oltre l-valur ta' xi rigali u video camera. B' kollox, erbat elef seba' mija u hmistax-il lira (Lm4715). Dwar rigali li taw lil xulxin u c-crieket tal-gherusija jaccetta li kien hemm arangament li kull parti zzomm dak li hadet jew irceviet. Da parti taghha, u qabel il-proceduri, il-konvenuta kienet lesta toffrilu s-somma ta' elfejn lira (Lm2000) - ara dokument a fol. 13 - ulterjorment awmentata, fil-kors tal-kawza, ghal elfejn sitt mija u tlettax-il lira (Lm2613) - ara dokument a fol. 25. Hawn ukoll il-konvenuta spartit kollox bin-nofs;

Dwar il-likwidazzjoni tad-danni, anke biex din il-Qorti tevita li toqghod taghmel ezercizzju aritmetiku minuzjuz dwar xi thallas u ma thallasx u l-valur ta' certi rigali ricevuti waqt l-*engagement*, ser titlaq mis-somma maqbula mill-partijiet ta' sebat elef seba' mija u sebghin lira (Lm7770) fl-akkont bankarju. Ma' din ser izzid il-valur tal-video camera (Lm300); b' kollox, ghalhekk tmient elef u sebghin lira (Lm8070) u tiddevidi din is-somma bin-nofs. Jigi ghalhekk li l-konvenuta ghandha trodd lill-attur is-somma ta' erbat elef u hamsa u tletin lira Maltin (Lm4035).

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost, thassar is-sentenza appellata u b' hekk takkolji d-domanda ta' l-attur billi tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess attur is-somma ta' erbat elef u hamsa u tletin lira Maltin (Lm4035) konsegwenti ghat-thassir ingustifikat tal-gherusija da parte ta' l-istess konvenuta. L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------